MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 45 – 3 Kumitat**

**Il-Ġimgħa 05 ta' Frar, 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar uża żewġ modi għal din il-laqgħa li saret fil-5.30 pm – b'mod formali fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

PREŻENTI ONLAJN:

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħaż-Żebbuġ | Dr Malcolm Paul Galea |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 45.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

45.1.1 Il-President informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

45.2.1 Il-President ressaq il-minuti tat-tlieta u erbgħin (43) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali u tal-erba' u erbgħin (44) laqgħa li kienet laqgħa straordinarja li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

45.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sur Johan Mula, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 45.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Għajnuna mir-Reġjun għal-libreriji li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kunsilli**

45.3.1 Il-President ħabbar li matul il-ġimgħa li ġejja se toħroġ skema ta' għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali sabiex ikunu jistgħu jagħmlu xogħlijiet ta' titjib, jixtru kotba ġodda jew joħorġu b'inizjattivi sabiex iħajru aktar residenti jagħmlu użu mil-libreriji fil-lokalità. Ir-Reġjun se jkun qed jagħti rimbors ta' ħames mitt ewro lil kull Kunsill Lokali għal dan il-għan.

**- Restawr tal-faċċata tal-bini amministrattiv**

45.3.2 Il-President informa li x-xogħol fuq ir-restawr tal-faċċata miexi ġmielu, tant li jekk ma jinqalgħux intoppi, għandu jitlesta qabel id-data skedata. Ix-xogħol ta' restawr fuq il-ġebla tat-tieni u t-tielet sular jinsabu fil-fażi finali filwaqt li beda x-xogħol ta' tindif fuq il-ġebla tal-ewwel sular. Matul din il-ġimgħa kellna żjara minn uffiċjali ta' Heritage Malta biex jispezzjonaw ix-xogħol u kienu sodisfatti bil-mod kif qed isir il-proċess tar-restawr.

**- Kuntratt għall-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq**

45.3.3 Il-President semma' li s'issa jidher li l-kuntratturi qed joperaw skont il-kuntratt iffirmat. Ix-xogħol ta' manutenzjoni tad-dwal fit-toroq jidher li miexi mingħajr diffikultajiet u l-Kunsill Reġjonali għadu ma rċieva l-ebda ilment minn ebda Kunsill dwar nuqqasijiet fis-servizz.

**- Proġett ta' restawr, manutenzjoni u estensjoni tal-bini amministrattiv tar-Reġjun**

45.3.4 Il-President ħabbar li matul il-jiem li għaddew, saru laqgħat mal-Perit tar-Reġjun fejn ġew diskussi l-ħtiġijiet u l-iżvilupp li hemm bżonn isir fil-bini amministrattiv biex il-Kunsill Reġjonali jkun jista' jaqdi bl-aktar mod affettiv il-funzjonijiet tiegħu. Sar enfasi fuq il-fatt li minn dan il-post se tkun qed tingħata għajnuna u assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali f'diversi oqsma. Il-Perit se jagħmel pjanti bil-proġett propost li se jkunu qed jiġu mgħoddija lill-Kunsilli Lokali għall-feedback u s-suġġerimenti tagħhom.

## 45.4 Skeda ta’ Pagamenti;

45.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta’ pagamenti bin-numru ta’ referenza 02/21A-1 u 02/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

45.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Johan Mula u ssekondata mis-Sur Omar Farrugia, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta’ pagamenti msemmija.

## 45.5 Estimi Annwali;

45.5.1 Il-President ressaq l-estimi annwali għas-sena 2021 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant ġew kunsidrati bħala moqrija. Ġiet mogħtija spjega ta’ kif se jkunu qed jiġu utilizzati l-fondi allokati lir-Reġjun matul l-2021. Hu spjega d-direzzjoni li se jkun qed jieħu l-Kunsill Reġjonali u ta dettalji tan-nefqa kif ukoll tal-proġetti li se jkunu qed jiġu implimentati matul is-sena.

45.5.2 Il-Membri preżenti unanimament approvaw l-estimi finanzjarji għas-sena 2021.

## 45.6 Pjan ta’ Ħidma 2021-2025;

45.6.1 Il-President ressaq id-dokument tal-Pjan ta’ Ħidma tal-Kunsill Reġjonali għall-ħames snin li ġejjin 2021-2025 li ġie ċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri. Hu qal li ġew riveduti l-missjoni u l-valuri tal-Kunsill Reġjonali biex ikunu japplikaw aktar mal-funzjonijiet prinċipali li ġew elenkati lilu. Ġiet analizzata s-sitwazzjoni u ġew spjegati l-istrateġiji li se jkunu qed jittieħdu biex jintlaħqu l-għanijiet u r-riżultati mixtieqa kemm

dawk fi żmien qasir kif ukoll oħrajn fi żmien itwal. Il-President spjega t-tbassir finanzjarju u l-iżvilupp kapitali li hemm ippjanat għall-ħames snin li ġejjin.

45.6.2 Fuq mozzjoni mressqa mis-Sur Josef Masini Vento u ssekondata mis-Sur Scott Camilleri, l-Membri preżenti unanimament approvaw il-Pjan ta' Ħidma 2021-2025.

## 45.7 Ingaġġ ta' Uffiċjali Professjonali mal-Kunsill Reġjonali;

45.7.1 Il-President semma' kif matul il-jiem li għaddew intbagħtet l-applikazzjoni mad-Direttorat għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni ta' Policy fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jingħata fondi ħalli jkun jista' jingaġġa miegħu sitt uffiċjali professjonali fuq bażi full-time. Dawn se jkunu qed jagħtu għajnuna u assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali f'oqsma bħall-immaniġġjar tal-iskart, ambjent, kultura, teknoloġija tal-informatika, immaniġġjar ta' proġetti kif ukoll assistenza biex isiru proġetti u programmi finanzjati minn fondi tal-UE u lokali. Il-Kunsill Reġjonali ħa ħsieb jibgħat ukoll rapport tal-isfidi finanzjarji, operattivi u loġistiċi li se jkun qed jiffaċċja biex is-sistema taħdem b'mod effettiv ħalli jiġu kunsidrati u, fejn ikun hemm bżonn, jingħata għajnuna addizzjonali.

## 45.8 Tribunal Lokali;

45.8.1 Il-President informa li matul il-jiem li għaddew intbagħtu ittri lill-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza; lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi; lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali l-Arti u l-Gvern Lokali; lis-Segretarji Permanenti fi ħdan il-Ministeri msemmija; u uffiċjali għolja relatati mat-Tribunali Lokali fejn ġew infurmati bid-deċiżjoni li se jkun qed jieħu l-Kunsill Reġjonali li mhux se jkun qed jitħalla jsir aktar smigħ ta' seduti tat-Tribunal Lokali fil-bini amministrattiv tar-Reġjun wara l-01 ta' Ġunju 2021. Dan kien hemm bżonn li jsir biex isir spazju għall-uffiċjali professjonali u anke biex il-Kunsill Reġjonali jkun jista' jikkonċentra aktar fuq il-qadi tal-funzjonijiet proprji tiegħu. Il-President semma' li t-Tribunal Lokali, għalkemm s'issa għadu qed jiġi

amministrat mill-Kunsill Reġjonali, għandu jkun separat mill-bini amministrattiv tar-Reġjun għax għandu funzjonijiet differenti li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-funzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali. Hu żied jgħid li s-smigħ tas-seduti fil-bini amministrattiv qed ixekkel lill-Kunsill Reġjonali milli jaħdem b'mod effettiv u dan il-pass għandu jittieħed fi żmien qasir. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri.

45.8.2 Il-Membri preżenti unanimament qablu ma' din id-deċiżjoni.

## 45.9 Finanzjament mil-LESA għal Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali 2019;

45.9.1 Il-President semma' kif matul il-jiem li għaddew, il-Kunsill Reġjonali ġie infurmat mill-AKL li jekk il-fondi li hemm pendenti għall-finanzjament ta' attivitajiet u inizjattivi kulturali u soċjali ma jintużawx sal-aħħar ta' Mejju 2021, se jkunu qed jintilfu. Hu żied jgħid li l-applikazzjoni li għandu l-Kunsill Reġjonali għal dawn il-fondi kienet fuq l-attività ta' Festa Nar u din mhux se tkun saret sal-aħħar ta' Mejju. Għaldaqstant hu ppropona li din l-applikazzjoni tiġi irtirata u minflokha tiġi sottomessa oħra għall-finanzjament tal-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-binja storika tal-uffiċċju amministrattiv. Il-fażi preliminarja ta' dan il-proġett tinsab kompluta u għaldaqstant, jista' faċilment ikun komplut sal-aħħar ta' Mejju 2021 jekk l-applikazzjoni tiġi approvata.

45.9.2 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta tal-President.

## 45.10 Aġġornament fuq 'Kwarta Tajba';

45.10.1 Il-President ħabbar li x-xogħol preliminarju fuq din l-attività ta' mużika oriġinali u innovattiva jinsab lest. Tħejja l-branding u l-marketing ta' 'Kwarta Tajba' u tinsab lesta wkoll il-pjattaforma diġitali għal din l-attività li ġiet amalgamata wkoll mas-sit elettroniku tal-Kunsill Reġjonali. Bħalissa qed tiġi disseminata l-informazzjoni mal-media biex huma jgħinu wkoll fil-promozzjoni tal-attività. Nhar l-10 ta' Frar 2021 se ssir konferenza stampa

fejn se titnieda uffiċjalment 'Kwarta Tajba' u se jkunu qed jinfetħu l-applikazzjonijiet għal dawk interessati li jipparteċipaw. Il-Konferenza stampa se ssir fil-pjazza ewlenija ta' Ħaż-Żebbuġ li se jkun qed jospita l-ewwel edizzjoni ta' din l-attività.

## 45.11 Aġġornament fuq 'Art for All';

45.11.1 Il-President ħabbar li, bil-għajnuna tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, numru ta' social workers li jaħdmu fil-lokalitajiet tar-Reġjun, l-NGO Happy Parenting u mill-għalliema tal-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop, irnexxielna ngħaqqdu numru sabiħ ta' studenti li huma interessati jipparteċipaw f'dan il-proġett. S'issa għandna 14-il student u studenta li huma konfermati u hemm numru sabiħ ieħor li wera interess imma għadu fil-proċess li tiġi konfermata l-aċċettazzjoni minn persuna adulta li tieħu ħsiebhom. L-ewwel sessjonijiet ta' 'Art for All' huma mistennija li jibdew fi ftit ġimgħat oħra u se jkunu qed isiru fil-maġġor parti tagħhom b'mod virtwali.

## 45.12 Laqgħa Ġenerali Annwali;

45.12.1 Il-President irrimarka li hemm bżonn tittieħed deċiżjoni fuq id-data u l-mod ta' kif se tkun qed issir il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2021. Hu qal li hemm żewġ modi kif din tista' ssir – streamed b'mod virtwali jew b'mod formali u b'numru limitat ta' persuni ġo sala fejn jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex tiġi protetta s-saħħa ta' kulħadd. F'dak il-każ, tiġi suġġerita data lejn Mejju biex ħafna mill-persuni suppost għandhom ikunu tlaqqmu bl-ewwel tilqima kontra l-Covid-19.

45.12.2 Il-Membri preżenti ddiskutew dan is-suġġett u qablu li tinżamm id-data tentattiva tat-8 ta' Mejju 2021 għal-Laqgħa Ġenerali Annwali 2021. Il-laqgħa għandha ssir b'mod formali fl-istess sala fejn saret is-sena li għaddiet. Il-persuni preżenti jkunu kollha bilqiegħda madwar mejda ta' sitt persuni u jkunu jistgħu jqumu minn posthom biss meta jkollhom bżonn użaw il-faċilitajiet sanitarji.

## 45.13 Bżonnijiet tal-Ħaddiema tal-Manutenzjoni tar-Reġjun;

45.13.1 Il-President qal li l-ħaddiema tal-manutenzjoni tar-Reġjun jagħmlu użu mill-vann personali tas-supervisor biex jagħmlu xogħlijiet ma' dawk il-Kunsilli Lokali li jitolbu l-għajnuna tagħhom. Dan ilu jsir għal diversi snin u kulma jitħallas is-supervisor hu rimbors tal-fuel skont id-distanza tal-post fejn ikun qed jaħdem. Dan l-aħħar kellu żewġ ħsarat konsiderevoli fil-vann tiegħu li jammontaw għal sitt mitt ewro u dawn l-ispejjeż is-supervisor ħariġhom minn butu. Is-supervisor ġie infurmat mill-mekkanik li l-vann tiegħu m'għadux jiflaħ aktar għal xogħol ta' strapazz u aħjar ma jintużax aktar għal dan it-tip ta' xogħol. Il-President qal li dan mhux ġust fuq is-supervisor u hemm bżonn li din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata. Għaldaqstant hu ppropona li s-supervisor jiġi kumpensat għall-ispejjeż tat-tiswijiet fil-vann tiegħu. Hu ppropona wkoll li l-Kunsill Reġjonali jixtri vann biex ikun jista' jintuża għax-xogħol ta' manutenzjoni fir-Reġjun u l-ħaddiema ma jibqgħux jagħmlu użu mill-vann personali tagħhom.

45.13.2 Il-Membri preżenti ddiskutew is-sitwazzjoni fejn qablu li s-supervisor għandu jiġi kumpensat għall-ispejjeż tat-tiswijiet fuq il-vann tiegħu u li l-Kunsill Reġjonali għandu jixtri vann għax-xogħol ta' manutenzjoni. Huma talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiskopri l-possibilitajiet li hemm u l-prezzijiet li hawn fis-suq ħalli fil-laqgħa li jmiss ikunu jistgħu jiddeċiedu x'direzzjoni se jkunu qed jieħdu fuq ix-xiri ta' vann.

## 45.14 Affarijiet Oħra;

**-Espressjoni ta' interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031**

45.14.1 Il-President irrefera għal din is-sejħa u informa li l-Kunsill Reġjonali kien għadu kemm ġie infurmat mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta li jista' jissottometti aktar minn applikazzjoni waħda għall-ewwel fażi tal-proċess ta' din is-sejħa. Għaldaqstant, hu jħoss li r-Reġjun għandu jagħti ċans lill-ibliet kollha fir-Reġjun biex juru l-interess tagħhom. Intbagħtet korrispondenza lill-Kunsilli Lokali ta' Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi fejn infurmathom b'din id-deċiżjoni u se jkunu qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet mingħandhom biex jiġu sottomessi mill-Kunsill Reġjonali qabel id-data tal-għeluq. Fit-tieni fażi tal-proċess tal-għażla, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta mhux se tkun qed tħalli aktar minn belt

waħda f'kull reġjun. Il-President ħeġġeġ lill-ibliet fir-Reġjun biex jieħdu din l-applikazzjoni bis-serjetà għax hi opportunità li mhux ta' min jitlifha.

**-Sejħa pubblika għal avukat u data protection officer fuq bażi reġjonali**

45.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie infurmat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex sakemm issir ir-riforma fir-Reġjuni ma joħorġux aktar sejħiet pubbliċi fuq bażi reġjonali. Għaldaqstant, din it-talba, għalissa, se tinżamm pendenti. Hu fakkar li l-Kunsill Lokali mhux obbligat joħroġ tender għal data protection officer, imma jista' jappunta lil xi persuna mill-istaff amministrattiv tiegħu biex tkun responsabbli mid-data protection tiegħu. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali se tkun qed torganizza taħriġ mingħajr ħlas għall-istaff li għandhom dawn id-dmirijiet. Il-Kunsill Lokali jista' wkoll joħroġ tender għal servizz ta' avukat fejn ma jkunx hemm ħlas fiss kull sena imma jkun hemm tariffi speċifiċi skont is-servizz li jintalab, u b'hekk il-Kunsill ma jkunx qed joħroġ flus għalxejn. Il-Kunsill Reġjonali ħareġ tender simili fix-xhur li għaddew għas-servizz ta' perit fejn ma jkun hemm l-ebda ħlas involut jekk ma jintalabx xi tip ta' servizz mingħandu.

**-Il-Kunsilli Reġjonali mniżżla taħt skeda 2 minn skeda 3 fir-regolamenti tal-kuntratti pubbliċi**

45.14.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ħabbar li f'laqgħa li kellu dan l-aħħar mad-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport ġie infurmat li d-Dipartiment tal-Kuntratti niżżel lill-Kunsilli Reġjonali taħt skeda 2 minn skeda 3 f'dak li għandu x'jaqsam mar-regolamenti tal-kuntratti pubbliċi. Din ma tapplikax għall-Kunsilli Lokali għax dawn se jibqgħu taħt skeda 3. Din is-sitwazzjoni se tkun qed taffettwa t-tenders li joħorġu mir-Reġjun għax se jkun hemm bżonn li jintbagħat ir-rapport tal-evalwazzjoni lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-iskrutinju u l-approvazzjoni. F'każ li jkun hemm tenders mill-Kunsill Reġjonali li l-ammont tagħhom jaqbeż it-treshold, dawn se jkunu qed jiġu amministrati kollha mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-Kunsill Reġjonali jkun irid iżomm kuntatt mad-Dipartiment tal-Kuntratti biex jara fiex wasal il-proċess. Dan se jkun qed jaffettwa anke t-tul tal-proċess tal-evalwazzjoni.

**- Laqgħa mad-DLG fuq ir-riforma fir-reġjuni**

45.14.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed ikollu laqgħat regolari mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tar-riforma fir-reġjuni. Hu qal li d-deċiżjoni fuq il-kompożizzjoni tal-Kunsilli Reġjonali l-ġodda u l-introduzzjoni tas-sitt reġjun ittieħdet mill-

Parlament fuq livell politiku u d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ma kellha l-ebda sehem minn dik id-deċiżjoni. L-elezzjoni għall-Presidenti tar-Reġjuni hi kkonfermata għal Ottubru 2021. Ir-Reġjun tan-Nofsinhar se jkun kompost minn Ħal Qormi, iż-Żejtun, Birżebbuġa, Ħal Għaxaq, Santa Venera, Marsascala, Marsaxlokk, Santa Luċija, il-Gudja, il-Ħamrun, Ħal Luqa u l-Marsa. Il-Ministeru responsabbli mill-Gvern Lokali rrikonoxxa l-fatt li t-Tribunal Lokali qed joħloq numru ta' diffikultajiet lill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar fosthom dawk ta' spazju u se jkunu qed isiru laqgħat fl-immedjat dwar dan. Il-Ministeru tal-Ambjent qed jaħdem fuq Strateġija Nazzjonali għall-Iskart. Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali se tibda taħdem mal-Waste Management Officers tal-Kunsilli Reġjonali u l-contract managers fuq il-ġbir ta' skart tal-Kunsilli Lokali biex jitfassal id-dokument għall-ħruġ tat-tender għall-ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali. Dan irid jitlesta sa Ottubru 2021. Fl-2022 il-ġbir ta' skart se jmur fuq bażi reġjonali. Il-Kunsilli Lokali xorta se jibqgħu jirċievu l-istess fondi mill-Gvern Ċentrali għas-servizz kif inhuma bħalissa u se jibqgħu jġorru l-obbligi finanzjarji għall-ħlas tas-servizz. Il-Kunsilli Lokali se jibqgħu responsabbli għat-tqassim tax-xogħol ta' kuljum tal-ġbir tal iskart fil-lokalità mal-kuntrattur imma s-sistema se jkollha tibdiliet sostanzjali fosthom fil-kategoriji tas-separazzjoni tal-iskart.

**- Laqgħa qabel jiġu ppreżentati r-rapporti finanzjarji tas-sena li għaddiet tal-Kunsill Reġjonali**

45.14.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li sas-26 ta' Frar 2021 iridu jiġu ppreżentati r-rapporti finanzjarji għas-sena li għadha kif intemment lid-Diviżjoni u lill-NAO. Qabel ma jintbagħtu, il-proċedura titlob li għandha tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill Reġjonali biex tingħata spjegazzjoni tagħhom u jiġu approvati mill-Membri. L-accountant tar-Reġjun ipproponiet li din il-laqgħa ssir nhar il-25 ta' Frar 2021.

45.14.6 Il-Membri preżenti qablu li din il-laqgħa tinżamm fid-data proposta.

**- Espressjoni ta' Interess – Smart Solutions għall-immaniġġjar tal-iskart**

45.14.7 Is-Sur Christian Sammut ippreżenta mozzjoni ssekondata mill-President u talab biex il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jissottometti applikazzjoni mad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy f'isem il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun sabiex jibbenefika mill-iskema ta' fondi mħabbra f'Ċirkulari numru SPI/SCI/7/2020. Hu ressaq kopja tal-applikazzjoni u ta spjega tagħha.

45.14.8 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta mressqa.

45.14.9 Is-Sa Rita Grima ppreżentat mozzjoni ssekondata mill-President u talbet biex il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jissottometti applikazzjoni mad-Direttorat għall-Gvern lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy f'isem il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq sabiex jibbenefika mill-iskema ta' fondi mħabbra f'Ċirkulari numru SPI/SCI/7/2020. Hi ressqet kopja tal-applikazzjoni u tat spjega tagħha.

45.14.10 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta mressqa.

## 43.15 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

43.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.13 pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 05 ta' Marzu 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |